# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Kenneth Brincat**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Kenneth Brincat** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 447970M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar il-11 ta' Novembru 2014 ġewwa Misraħ Gavino Gulia, Cospicua u bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer għal ħabta ta' bejn nofsinhar u s-siegħa u nofs assoċjaw ruħhom sabiex : -

a. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-dontorni tiegħu sikkina ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fil-ħin li qed jagħmel delitt kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;
c. U aktar talli fl-istess post, data u ħin kiser il-bon ordni u paċi pubblika, b'għajjat u storbju kif ukoll dagħa u kliem faħxi.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta ta' Frederick Dalli, Charlston Cassar, Redent Cassar u Tristian Cassar u l-familja tagħhom skont l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Semgħet il-provi prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

L-ewwel imputazzjoni

Illi mill-provi prodotti u senjatament mix-xiehda tal-Ispettur Josric Mifsud, dik ta' PS321 u PC271, din l-imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ippruvata.

It-tieni imputazzjoni

Hawnhekk il-Prosekuzzjoni resqet ix-xiehda ta' PS321 La Grasta li jtenni li f'ħin minnhom semgħa li xi ħadd jgħajjat kliem oxxen u huwa dar u ra lill-imputat jiġi miżmum minn tnejn minn nies. Huwa mar iżommu u beda jgħidlu biex jersaq lura u semgħa lil kollega tiegħu PC271 jgħid lill-

imputat biex jarmi dik is-sikkina li x-xhud imbagħad innota li l-imputat kellu f'idu. Din kienet sikkina kbira. Dax-xhud resaq lura u PC271 ippunta l-arma lejn l-imputat filwaqt li bdew jgħidulu biex jersaq lura. Għalkemm ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija, dan beda jersaq lura u xi ħadd ħadlu s-sikkina minn idu.

PC 271 Saliba jixhed li waqt li kien quddiem l-għassa tal-Pulizija ta' Bormla waslet Kia Avella bajda u minnha ħareġ l-imputat li kellu sikkina kbira f'idu u beda jgħajjat kliem oxxen. Dax-xhud meta ra hekk ħareġ l-arma tiegħu u ndirizzaha lejn l-imputat sabiex dan jarmi s-sikkina. L-imputat m'obdiex din l-ordni iżda kompla jersaq lura. Xi nies ħadulu din is-sikkina.

L-Artikolu inkriminat huwa l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk : -

> Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan- nar, kull min -
>
> (*a*) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal- gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew
>
> (*b*) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,
>
> ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.

Issa f'dan il-każ jirriżulta li meta kien qiegħed jiġi arrestat l-imputat ma kellux is-sikkina iżjed f'idu. Għalhekk il-paragrafu "b" għandu jiġi eliminat. Kwantu għall-paragrafu "a" dak li l-imputat jirriżulta li kien qiegħed jagħmel fil-ħin li x-xiehda rawh bis-sikkina f'idu kien li qed jiġi miżmum minn xi nies u kien qiegħed jitkellem ħażin. Mhux ċar mix-xiehda prodotti eżattament x'kien qiegħed jagħmel l-imputat immedjatament qabel ma rawh l-aġenti tal-Pulizija bis-sikkina f'idu u qabel ma ġie miżmum minn nies. Li hu żgur skont PC271 li l-imputat ħareġ minn karozza Kia Avella bajda bis-sikkina f'idu u beda jgħajjat espressjoni "fejnhom u jien ala zo... ma nibża minn ħadd". Issa dan il-kliem jista' jindika li huwa niżel għall-ġlied u li kien sejjer isib lil xi nies biex iħebb għalihom – u għalhekk uża l-espressjoni "fejnhom". Biss ma jirriżultax li dan fil-fatt laħaq seħħ għaliex jirriżulta li l-anqas il-Pulizija ma xlietu li almenu ħebb għal xi persuna. Li kieku almenu kien hemm din l-ipoteżi ta reat kontemplata mill-Prosekuzzjoni, in kwantu dak ir-reat kontravvenzjonali kien ikun klassifikabbli bħala reat kontra l-persuna, kif is-subtitolu II – "Fuq il-Kontravvenzjonijiet Kontra l-Persuna" li l-Artikolu 339(1)(d) jifforma parti minnu jixhed, kien ikun suffiċjenti sabiex jintegra r-reat kontemplat fl-Artikolu 55 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta – stante li dak l-artikolu jitkellem fuq persuna li "fil-waqt li jkun qed jagħmel reat...kontra l-persuna". Iżda f'dan il-każ dan it-tip ta' reat kontravvenzjonali jew xi reat ieħor kontra l-persuna

jew is-sigurta tal-gvern jew serq jew ħsara fil-proprjeta ma jirriżultawx pruvati.

Dan minbarra l-fatt li skont dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Allan Galea*** deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2014 :

> 11. Hemm qbil li l-arma tad-delitt f'dan il-każ kienet sikkina tal-kċina. L-Avukat Ġenerali jippretendi illi fil-każ odjern dik is-sikkina "ħadet ix-xejra ta' arma regolari peress illi għal dak il-ħin inkluż il-ħin li kienet qed tinġarr, kellha bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor." Din il- Qorti ma tikkondividix dan il-ħsieb ta' l-Avukat Ġenerali peress illi l-liġi tikkonsidra bħala arma regolari dawk l-armi li fin-natura tagħhom stess huma ntiżi għad-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor. Sikkina li l-iskop prinċipali tagħha huwa, bħalma qalet l-ewwel Qorti, "li tqatta' l-laħam, il-basal u l-patata", ma ssirx "arma regolari" għax tintuża biex jiġi kommess delitt, iżda titqies bħala "arma irregolari". Għalhekk l-akkużat ma setax jiġi akkużat bi ksur ta' l-artikolu 55(a)(b) tal-Kap. 480.

F'dan il-każ ma ġiex pruvat li s-sikkina de quo hija arma regolari skont il-Liġi. Għalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.

<u>It-tielet imputazzjoni</u>

Mhux ukoll jista' jingħad għar-rigward tat-tielet imputazzjoni. Dan għaliex mix-xiehda tal-aġenti tal-Pulizija hawn fuq imsemmija jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imġieba tal-imputat

Din il-Qorti tqis li l-ġurisprudenza timmilita favur is-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ u dan in bażi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz ***Il-Pulizija vs Maria Concetta Green*** (Volum LXXXIII Part IV paġina 441) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru, 1999 fejn ingħad li :

> L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'

Għalhekk kieku l-imputat qal kliem inġurjuż jew minaċċjuż biss, il-Qorti kienet tkun propensa li taqbel mat-teżi tad-Difiża. Iżda meta l-imputat qabeż il-linja u mill-kliem għadda għall-fatti fejn kien barra t-triq iġorr sikkina kbira u jgħid il-kliem aktar il-fuq riportat, fil-fehma tal-Qorti dan kien għemil li sawwar imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumnita tagħha – tant li PC271 ħass il-ħtieġa li jiffermah bl-arma tal-ordinanza. Il-fatt li l-persuna li ssubiet din il-minimu ta' nkwiet jew tħassib dwar l-inkolumnita tagħha kien Kuntistabbli tal-Pulizija ma jfisser xejn għaliex anke l-Pulizija jistgħu iħossuhom inkwetati jew imħasba dwar l-inkolumnita tagħhom u

għaliex anke aġenti tal-Pulizija huma bnedmin tad-demm u l-laħam u mhux robots.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikoli 6, 51(7), 55 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17(f), 23, 338(dd) u 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat Kenneth Brincat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni stante li din ma ġiex soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tikkundannah għal multa komplessiva ta' mija u erbgħin euro (€140), kif ukoll tordna l-konfiska tal-corpus delicti ossija s-sikkina eżibita fl-atti. Inoltre il-Qorti qegħda tipprojbixxi lill-ħati milli jikseb kwalunkwe liċenza taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet snin millum.

Inoltre il-Qorti tqis li fid-dawl tal-provi prodotti lilha f'dan il-każ, huwa opportun li ssir ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u dan skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti minnha.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 11 t'April 2016***

***Aaron M. Bugeja***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT *Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum 11 t'April 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Kenneth Brincat**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Kenneth Brincat** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 447970M u residenti 48, Triq il-Vittorja, l-Isla taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod,** kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor ikellem, javviċina, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Frederick Dalli, Charlston Cassar, Redent Cassar u Tristian Cassar u l-familja tagħhom;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin millum;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Ħati***

*Doris Serpina,* **Deputat Reġistratur**

*Aaron M. Bugeja,* **Maġistrat**